## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

### GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.

### SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 26 TA' MARZU, 2002

**Avviz Nru: 308/02 AJD**

**M & B Limited**

**vs**

**Ivan Debono**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Frar, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u disgha u ghoxrin lira Maltin (Lm929.00) rapprezentanti l-prezz ta' edukazzjoni jew ta' taghlim jew servizzji ancillari moghtija lill-konvenut mis-socjeta' attrici, fir-rispett ta' iben il-konvenut, Oliver Debono. Illi ghalkemm interpellat anke bil-miktub, sabiex ihallas din is-somma ta' disa' mija u disgha u ghoxrin lira Maltin (Lm929.00), il-konvenut baqa' inadempjenti minghajr raguni valida fil-ligi. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tad-29 ta' Ottubru, 2001, u bl-imghaxijiet, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Venoise Zahra, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-

cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disa’ mija u disgha u ghoxrin lira Maltin (Lm929.00), bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**